IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 52

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm) nhar **l-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2022**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Il-Viċi Sindku s-Sur Christopher Cassar, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa. Preżenti fil-bidu tal-laqgħa l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel u s-Sur Jason Portelli.

**52.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

52.1.1 Is-Sindku s-Sur John Boxall informa lis-Segretarju Eżekuttiv li ma tantx jinsab tajjeb u se jkun qed jingħaqad fil-laqgħa aktar tard. Apoloġija approvata.

**52.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

52.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 51 għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**52.3 Korrispondenza**

52.3.1 Preżentat il-ftehim għall-applikazzjoni tal-iskema **SPI/SCI/5/2022 Finanzjament għal xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq funtani fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex**, liema applikazzjoni ġiet aċċettata u għalhekk se jsir restawr tal-funtana li tinsab fil-Foss tal-Birgu.

52.3.2 Preżentat il-ftehim għall-applikazzjoni tal-iskema **SPI/SCI/1/2022 Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex**, liema applikazzjoni ġiet aċċettata u għalhekk se jkun qed isir aktar titjib fil-bandli tal-Birgu ankè permezz ta' installazzjoni ta' bandli għal persuni b'diżabilità.

52.3.3 Preżentat il-ftehim għall-applikazzjoni tal-iskema **SPI/SCI/8/2022 Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022**, liema applikazzjoni ġiet aċċettata u għaldaqstant se tkun qed issir l-attività tal-Milied nhar is-16 u 17 ta' Diċembru 2022. Preżentata wkoll il-korrispondenza fejn il-kunsill qed jiġi notifikat li se jibbenefika mis-somma ta' **€24,294.06.**

52.3.4 Preżentata korrispondenza dwar il-proġett ARCADE finanzjat mill-Unjoni Ewropea u li għalih il-Kunsill Lokali tal-Birgu qed juri interess li jkun imsieħeb fil-proġett. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

52.3.5 Preżentata korrispondenza għal proġett ieħor mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma taħt il-programm INTERREG MED 2021-2027, fejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu qed jintalab biex ikun imsieħeb fih. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

52.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assistent Segretarju tal-Klabb tar-Regatta tal-Birgu fejn il-kunsill qed ikun ikkupjat f'email li ntbagħtet minħabba l-istat li jinsab fih il-maħżen u d-dewmien tax-xogħol li qed isir fl-istess maħżen.

52.3.7 Preżentata applikazzjoni taħt l-iskema għall-Kunsilli Lokali dwar Lokalitajiet Sostenibbli 2022 maħruġa mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża. L-applikazzjoni ġiet sottomessa sabiex jekk tiġi aċċetata, isir ix-xogħol fuq Ġnien il-Kunsill fiż-żona ta' taħt it-Torri ta' San Ġakbu fi Triq it-Torri ta' San Ġwann, liema proġett kien ġie approvat mill-kunsill lokali qabel iżda ma ġiex approvat minn skema maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

52.3.8 Preżentata Mistoqsija Parlamentari nru 3283 dwar il-miri tal-Kunsilli Lokali fil-preżent biex itejjbu s-servizzi tagħhom.

52.3.9 Preżentata korrispondenza dwar is-Sejħa interna għal Uffiċjal Eżekuttiv Skala 11 fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Birgu. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li din tinħareġ.

**N.B. 17:47 Is-Sindku s-Sur John Boxall daħal għal-laqgħa.**

52.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku John Boxall indirizzata lill-Prim Ministru sabiex flimkien mas-Sindki tal-Isla, Bormla u l-Kalkara u l-Arċiprieti u l-Kappillan rispettivi, jiddiskutu mal-Prim Ministru mar-realtajiet li dawn il-lokalitajiet qed jaffaċjaw. Din l-ittra ntbagħtet bl-approvazzjoni tas-Sindki, Arċiprieti u Kappillan rispettivi.

52.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Richard Bilocca, CEO tal-Wasteserv, fejn qed jinforma lill-kunsill li l-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar għar-riabilitazzjoni tal-ġnien tal-Glażiż ħareġ filwaqt li t-tender se jinħareġ dalwaqt.

52.3.12 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-Fun Run 2022 li se ssir bħalma kienet issir qabel il-pandemija.

52.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Ispettur tal-Pulizija Mark Cremona rigward l-imwejjed u s-siġġijiet tal-ħanut tal-Vittoriosa Stars F.C. li jinsabu quddiem l-Għassa tal-Birgu, jekk dawn għandhomx permess jew le skont kif titlob il-liġi peress li l-għassa ser tiftaħ mill-ġdid fil-ġimgħat li ġejjin.

52.3.14 Preżentata korrispondenza (Infringement Letter) min Transport Malta dwar ir-railing il-ġdid li sar fi Triq il-Ħabs l-Antik fejn din l-awtorità qed tgħid li dan ix-xogħol sar mingħajr permess, b'mod illegali u abbużiv filwaqt li trid titħallas multa ta' ħames mitt Ewro (500). Il-kunsillera preżenti qablu li din tiġi oġġezzjonata filwaqt li l-multa ma titħallasx.

52.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sinjura Roseanne Camilleri mill-Primary Health Care rigward il-berġa tas-saħħa tal-Birgu li ilha aktar minn sena magħluqa u kemm-il darba inkitbu ittri mis-Sindku sabiex din terġa' tibda topera. Is-Sindku qal li mill-korrispondenza kollha li bgħat, qatt ma waslet risposta.

52.3.16 Preżentata korrispondenza dwar il-Laqgħa ta' Konsultazzjoni mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Alison Zerafa Civelli nhar is-16 ta' Novembru 2022.

52.3.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-*Arts Council Malta* sabiex tinforma lill-kunsill li l-proġett 'Mat-Tokki tal-Arloġġ', ma ġiex approvat. Is-Sindku qal li din kienet se tkun attività kollettiva bejn il-kunsilli lokali tal-Kottonera u l-Kalkara fl-aħħar tas-sena.

52.3.18 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi sabiex jiġu elenkati mhux aktar minn sitt postijiet fejn huma meħtieġa CCTVs madwar il-lokalità għal skopijiet ta' moniteraġġ u infurzar.

52.3.19 Preżentata korrispondenza dwar stedina għat-tnehdija tal-EFFEA (Arts Festival) li għalih attenda għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu l-Professur Frank Camilleri filwaqt li għal din l-istedina, attenda s-Sindku John Boxall.

52.3.20 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-LivCom Awards sabiex il-finali ta' dawn l-unuri, issir fil-Birgu fl-aħħar ta' Mejju 2023. Il-Viċi-Sindku s-Sur Chris Cassar kellu jara hux possibli li dan l-avvenitment isir fil-Valletta Design Cluster filwaqt li s-Sindku kien se jikkomunika mal-Università Amerikana f'Bormla dwar dan l-avveniment.

52.3.21 Preżentata korrispondenza dwar Direttiva nru. 1/2022 dwar il-proċedura għall-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv.

52.3.22 Preżentata korrispondenza dwar il-Progress Report għax-xogħol fuq il-lift fil-Berġa ta' Franza. Wara diskussjoni dwar dan il-proġett, il-kunsilliera preżenti qablu li dan isir.

52.3.23 Preżentata korrispondenza dwar l-attività ta' Zero Waste Future sabiex din issir fil-Berġa ta' Franza.

52.3.24 Preżentata korrispondenza dwar l-attività Christmas Under the Bridge li saret il-Marsa fis-sena 2021 u li qed tintbgħat bħala proposta jekk il-Kunsill Lokali tal-Birgu hux interessat li jagħmel attività simili fil-Birgu din is-sena. Is-Sindku qal li l-kunsill lokali se jkun qed jorganizza l-attività tal-Milied bħalma sar is-sena l-oħra. Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li din l-attività għandha tibda u tispiċċa kmieni biex l-entertainment li jinġieb, ma jinħeliex għax il-pubbliku jitlaq lura kmieni.

52.3.25 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija Pellikola sabiex tinforma lill-kunsill li se tkun qed tagħti donazzjoni ta' sitt elef u ħames mitt Ewro (€6500) b'risq il-komunità tal-Birgu għall-permess tal-filming madwar diversi toroq fil-Birgu.

52.3.26 Preżentata korrispondenza/kuntratt bejn Production Hub u l-Kunsill Lokali tal-Birgu dwar donazzjoni ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3500) li se tkun qed tagħti b'risq il-komunità tal-Birgu għall-permess tal-filming madwar diversi toroq fil-Birgu.

52.3.27 Preżentata korrispondenza mis-Sur Lawrence Attard dwar proġett propost SEAPort, finanzjat mill-Unjoni Ewropea. Il-kunsilliera preżenti qablu li napplikaw.

52.3.28 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Stephania Dalli sabiex issir irħama li tfakkar lill-Peppi Vella (in-nannu tagħha) fit-Toqba tal-Birgu għar-rekord tal-għawm li kien għamel. Il-kunsilliera preżenti li din tista' ssir la darba l-proġett ikun lest.

52.3.29 Preżentata n-notifka għat-tiġdid tal-insurance li tkopri l-binjiet kollha tal-kunsill lokali, insurance għal safar, flus tal-kunsill, inċidenti u diversi fatturi oħra. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

52.3.30 Preżentata korrispondenza dwar ilma/drenaġġ li hemm ħiereg fi Triq il-Piccolo Soccorso (it-toqba tal-Birgu) fuq il-pavimentar il-ġdid li għadu kif sar. Il-kunsill ġibed l-attenzjoni sabiex din il-ħsara tissewwa u ma jkomplix jitħammeġ proġett ġdid li għadu qas ġie inawgurat.

52.3.31 Preżentata korrispondenza dwar il-proġett RECup, finanzjat mill-Unjoni Ewropea fejn il-kunsill qed ikun mistieden ikun imsieħeb fih. Il-kunsilliera preżenti qablu li nuru interess għal dan il-proġett.

52.3.32 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Silvia Medri dwar il-proġett Euro-Med ARCADE finanzjat mill-Unjoni Ewropea sabiex il-kunsill ikun imsieħeb fih. Il-kunsilliera preżenti qablu li nuru interess.

52.3.33 Preżentati stimi għal bankijiet tat-toroq sabiex jinbidlu dawk li jinsabu quddiem il-Monument tal-Ħelsien. Il-kunsilliera preżenti qablu li mmorru għall-irħas offerta u li dawn ikunu mixtrija mid-Development Planning Fund, fond li tħaddem l-Awtorità tal-Ippjanar.

52.3.34 Preżentat l-overtime tal-ħaddiema klerikali għax-xahar ta' Settembru u Ottubru 2022. Dan kien approvat mill-kunsilliera preżenti.

**52.4 MoU Birgu (Malta) ma' Telavi (Georgia)**

52.4.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera preżenti li waslet talba mill-kunsill ta' Telavi fil-Georgia sabiex jiġi ffirmat Friendship Agreement li eventwalment iwassal għal iffirmar ta' ġemellaġġ bejn iż-żewġ lokalitajiet.

**N.B. 18:51 Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi daħal għal-laqgħa.**

**52.5 Post-mortem - Birgufest 2022**

52.5.1 Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni u qal li minkejja kollox, l-attività tal-Birgufest 2022 kienet suċċess, speċjalment mill-attendenza tal-pubbliku ġenerali.

52.5.2 Il-kunsillier is-Sur Trevor Mizzi qal li hu jaqbel mas-Sindku li l-attività kienet suċċess iżda tidher li saret attività wisq kummerċjalizzata minħabba n-nurmu kbir ta' stands u gabbani tal-ikel li jkun hawn mal-Birgu. Sostna wkoll li forsi jkun jaqbel li fil-Pjazza, is-show fuq il-palk tibda aktar tard sabiex in-nies ma tieqafx mill-ewwel il-Pjazza iżda tkompli ddur mat-toroq. Is-Sur Mizzi ippropona biex fi Triq it-Torri ta' San Ġwann, flok ħafna gabbani, tinħareġ sejħa ta' offerti għal kumpanija waħda.

52.5.3 Il-kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li jaqbel ukoll li l-attività kienet suċċess. Ippropona li jkun hemm aktar koordinament bejn min qed jieħu ħsieb il-loġistika tal-palkijiet u l-istands. Is-Sur Gellel staqsa wkoll għadux il-lok li l-palk ikunx kbir daqshekk fil-Pjazza tal-Birgu.

52.5.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar qal li l-attività kienet waħda tajba ħafna u ta' suċċess. Fir-rigward tar-risk assessment, ġie nnutat li diversi postijiet waqt l-attività bdiet tinħoloq konġestjoni speċjalment lejn in-niżla għall-Knisja Parrokkjali peress li t-tined ħarġu aktar 'l isfel peress li s-Sur Daniel Orsini rama tined akbar milli suppost. Is-Sindku qal li importanti li sena oħra tinġibed l-attenzjoni fuq dawn il-punti speċjalment għall-fatt li ħadd mill-kumitat tal-Vittoriosa Stars F.C. ma kien fl-istand tal-kumitat.

52.5.5 Il-Viċi Sindku s-Sur Chris Cassar qal ukoll li jkun isbaħ li jekk bl-istess prezz tal-fotografija, jinġieb xi ħadd li jieħu filmati u shots bid-drone ankè biex wara l-attività jkun jista' jinħoloq aftermovie qasir. Il-kunsill ikollu wkoll diversi filmati sabiex is-sena ta' wara, jippromwovi l-attivita. Il-kunsilliera preżenti qablu fuq din il-proposta. Is-Sur Cassar ġibed l-attenzjoni wkoll li dawk li jarmaw bis-sound f'kull żona fil-Birgufest, ikunu armati biex is-sistema tieħu USB.

52.5.6 Ġie maqbul ukoll li jekk il-Ħadd filgħodu mhux se tkun organizzata aħjar, tinqata' mill-attività ankè wara l-fatt li din is-sena, l-InGuardia kienet waħda sfurzata. Ingħad ukoll li hemm bżonn issir promozzjoni partikolari għall-candlelight peress li ħafna bdew jiġu għall-attività tax-xemgħa l-Ġimgħa u l-Ħadd filgħaxija. Punt ieħor importanti kien li hemm bżonn li jiżdiedu b'mod konsiderevoli l-mobile toilets peress li kien hawn massa kbira ta' nies.

**52.6 Proġett għad-daħla tal-Birgu**

52.6.1 B'referenza għall-ilment li daħal il-kunsill nhar It-22 ta' Ottubru 2022, is-Sindku qal li hemm bżonn li jsir proġett fid-daħla tal-Birgu sabiex issir bankina

ġdida u jitwaħħlu bollards biex ma jitilgħux vetturi fuq il-bankina. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.

52.6.2 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel ppropona li l-bankina ssir bl-istess materjal li saret il-bankina fi Triq il-Piccolo Soccorso (it-toqba) jew madum bħal dak li hemm fi Triq San Lawrenz ġewwa, iżda kulur ċar. Is-Sindku qal li la darba ssir il-bankina, ma jsirux arbli tal-festi fuq il-bridge. Għaldaqstant, il-kunsilliera preżenti qablu li jinġabu l-istimi li hemm bżonn sabiex isir dan ix-xogħol.

**55.7 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

52.7.1 Is-Sindku ressaq il-proposta sabiex jinxtraw żewġ wheelchairs sabiex jintużaw mir-residenti tal-Birgu f'każ li dawn ikollhom bżonnhom flok jisselfu mill-isptar. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-proposta.

52.7.2 Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli ġibed l-attenzjoni li r-railing ta' Triq it-Torri ta' San Ġwann qatt ma ġie konkluż minn Amabile Galea li kienet qed taħdem ir-railing tant bżonnjuż minħabba l-periklu ta' din il-bankina.

52.7.3 Is-Sindku qal li rċieva bosta ilmenti minħabba n-nuqqas ta' parkeġġ li kien hawn fil-Birgu meta kien hawn ġbid ta' film u sostna li f'każ li jerġa' jinqala' xi ħaġa simili, Triq it-Torri ta' San Ġwann ma jingħatax biex ikun riservat għal tal-films. Is-Sindku qal li dan ifisser inqas dħul minn donazzjonijiet għaliex dawn li japplikaw biex jiġbdu xi film, jagħtu donazzjoni lill-kunsill biex jitwettaq aktar ġid fil-komunità. Il-kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li jekk jingħata spazju għall-parkeġġ, dan ma jkunx wieħed esaġerat.

52.7.4 Fuq l-istess punt tal-parkeġġ riservat għall-kumpaniji tal-films, il-Viċi Sindku qal li jkun tajjeb li r-residenti jkunu nfurmati b'dak li jkun se jiġri peress li kien hemm okkażjonijiet fejn residenti ma setgħux joħorġu minn darhom jew stabbilimenti li ma setgħux jifħu. Għaldaqstant dawn għandhom jiġu kkumpensati.

52.7.5 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel ġibed l-attenzjoni li hawn ħafna nies li mhux jagħtu kas la tal-ħin u lanqas tal-ġranet li suppost jinħarġu l-boroż taż-żibel. Għaldaqstant ġie deċiż li ssir karta sempliċi li titqassam lil persuni li jikru diversi postijet għat-turisti, li tindika meta u x'ħin għandhom jinħarġu l-boroż tal-iskart.

52.7.6 Is-Sindku propona li mill-iskema tal-LESA għas-sena 2023, jinxtara van li jista’ jgħabbi persuni b’wheelchair biex iwassalhom f’postijiet li jkollhom bżonn bħaċ-ċentru tas-saħħa. Il-Kunsillier Anton Gellel qal li l-Gvern diġà joffri servizz simili madwar Malta kollha biex jitwasslu persuni b’wheelchair.

52.7.7 Is-Sindku spjega kif ftit tal-jiem ilu kellu laqgħa mal-Professur Frank Camilleri u mas-Sinjura Davinia Galea sabiex isir proġett/festival li jippromwovi artisti lokali u ankè internazzjonali ġewwa l-Birgu. Dan ikun proġett relatat mas-sħubija tal-Kunsill Lokali tal-Birgu fil-European Festivals Funds for Emerging Artists.

52.7.8 Is-Sindku qal li jixtieq li jorganizza l-party tal-Milied għat-tfal. Għaldaqstant ġie deċiż li dan isir nhar l-14 ta’ Diċembru 2022 fil-Berġa ta’ Franza. Il-prezzijiet għal dan il-party huma, 12il- Ewro ż-żgħar u 14-il Ewro l-kbar.

52.7.9 Inġibdet l-attenzjoni li l-bandiera tal-lokalità tal-Kalkara qed tibqa’ mtella’ kuljum fuq il-mina li tagħti għall-Kalkara li iżda taqa’ taħt il-konfini tal-Birgu. Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li flok ħafna korrispondenza, is-Sindki għandhom jiltaqgħu flimkien sabiex tiġi diskussa din il-materja.

52.7.10 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li jekk hu possibli, tittieħed xi forma ta’ azzjoni minħabba l-invażjoni ta’ ġrieden li hemm fi Triq San Dwardu. Is-Sindku qal li kemm-il darba ntefa valenu iżda l-problemi huma diversi fosthom, ikel tal-qtates u r-razzett viċin it-triq imsemmija li ma jagħmluhiex faċli biex tissolva din il-problema.

**N.B. 19:58 Il-Kunsillier is-Sur Jason Portelli talab li jiġi skużat mil-laqgħa.**

52.7.11 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel propona li fuq iċ-ċnut li jdawwru l-Pjazza tal-Birgu, jitwaħħlu rifletturi kif suppost kellu jsir meta sar id-dawl il-ġdid tat-toroq tal-Collacchio. Dawn ir-rifletturi jinxtgħelu biss meta jkun hemm attivitajiet fil-Pjazza tal-Birgu.

52.7.12 Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel ġibed l-attenzjoni li nhar it-30 ta’ Ottubru 2022 se jsir il-ftuħ taċ-ċentinarju tal-konsagrazzjoni tal-Parroċċa filwaqt li fit-12 ta’ Novembru 2022 se jsir l-oratorju ‘Il-Belt Rebbieħa’ fil-Knisja Parrokkjali.

52.7.13 Is-Sindku qajjem diskussjoni dwar l-impjegati tal-kunsill (dawk mhux klerikali) fuq diversi punti li ma jinsabx kuntent bihom. Il-Kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li ftit jiem ilu ġibed l-attenzjoni lil wieħed mill-ħaddiema li ċ-ċimiterju

tal-Parroċċa ma jinsabx nadif meta dan l-istess ħaddiem imur kuljum jiftaħ u jnaddaf. Il-Viċi Sindku qal li jekk hemm bżonn, jinġabru l-ħaddiema kollha u ssir laqgħa magħhom sabiex jiġu diskussi xi affarijiet li qed jiġu mressqa waqt il-laqgħa tal-kunsill.

**52.8 Approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti**

52.8.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-approvazzjoni **l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 45** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numru, **BOV 6350 sa BOV6358.**

52.8.2 Imressqa wkoll **l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 46 – Birgufest 2022** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numru, **BOV 6349 u BOV6359 sa BOV6361** flimkien ma' ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskedi preżentati.

**52.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

52.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tnejn 28 ta' Novembru 2022 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **28 ta' Novembru 2022.**

| | |
|---|---|
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |